

MT

MT

MT



IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, XXX

Abbozz tar-

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru .../2009

ta' [...]

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1702/2003 li jistabilixxi regoli ta' implimentazzjoni biex inġenji tal-ajru, prodotti, partijiet u tagħmir relatati jiġu ċċertifikati bħala tajbin għall-ajru u li ma jagħmlux ħsara ambjentali, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni tagħhom

(test b'rilevanza għaż-ŻEE)

Abbozz tar-

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru .../...

ta'

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1702/2003 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni biex inġenji tal-ajru, prodotti, partijiet u tagħmir relatati jiġu ċertifikati bħala tajbin għall-ajru u li ma jagħmlux ħsara ambjentali, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni tagħhom

(test b'rilevanza għaċ-ĊEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 80(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp ta' l-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza ta' l-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(5) tagħha,

Billi:

- (1) Sabiex jinżamm livell uniformi għoli ta' sigurtà tal-avjazzjoni fl-Ewropa, jeħtieġ li jiġu introdotti tibdiliet għar-reqwiziti u l-proċeduri għaċ-ċertifikazzjoni ta' ajruplani u prodotti, partijiet u apparati relatati u ta' organizzazzjonijiet tad-disinn u tal-produzzjoni, b'mod partikolari biex jiġu elaborati r-regoli relatati mal-ħruġ ta' ċertifikati tat-tip ristretti u ċertifikati ristretti ta' ajrunavigabilità.
- (2) Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 1702/2003 għandu jiġi emendat kif jixraq.
- (3) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma bbażati fuq l-opinjoni² maħruġa mill-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà tal-Avjazzjoni (minn hawn 'il quddiem 'l-Aġenzija') skont l-Artikoli 17(2)(b) u 19(1) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008.
- (4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit mill-Artikolu 65 tar-Regolament (KE) Nru 216/2008.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1702/2003 huwa emendat kif ġej:

1. Artikolu 2f ġdid huwa miżjud kif ġej:

¹ ĠU L 79, 19.03.2008, p.1

² Opinjoni 03/2009 dwar "Ċertifikati tat-tip ristretti u ċertifikati ristretti ta' ajrunavigabilità".

“Artikolu 2f

Approvazzjoni tad-disinn tal-ajruplani

L-Ispeċifikazzjonijiet Speċifiċi tal-Ajrunavigabilità maħruġa mill-Aġenzija jew stabbiliti mir-Regolament (KE) 1702/2003 qabel [*id-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament li jemenda*], għandhom jitqiesu bħala li jikkostitwixxu l-approvazzjoni tad-disinn tal-ajruplani għall-ajruplani relatati.”

2. L-Anness (Parti-21) huwa emendat skont l-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kummissjoni

ANNEX

1. L-Anness (Parti-21) għar-Regolament (KE) Nru 1702/2003 huwa emendat kif ġej:

(1) il-werrej huwa mibdul b'dan li ġej:

“Werrej

21.1 Ġenerali

SEZZJONI A — REKWIŻITI TEKNIĊI

SUBPARTI A — DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

21A.1A Ambitu

21A.1B Terminoloġija

21A.2 Impenn minn persuna oħra differenti mill-applikant għal, jew detentur ta', ċertifikat

21A.3 Ħsarat, malfunzjonijiet u difetti

21A.3B Direttivi dwar l-ajrunavigabilità

21A.4 Koordinazzjoni bejn id-disinn u l-produzzjoni

SUBPARTI B — ĊERTIFIKATI TAT-TIP U ĊERTIFIKATI TAT-TIP RISTRETTI

21A.11 Ambitu

21A.12 Ċertifikat tat-tip ristrett

21A.13 Eliġibbiltà

21A.14 Turija tal-kapaċità

21A.15 Applikazzjoni

21A.16A Kodiċi tal-ajrunavigabilità

21A.16B Kundizzjonijiet speċjali

21A.17 Bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip

21A.18 Tfassil ta' rekwiżiti applikabbli għall-protezzjoni ambjentali u l-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni

21A.19 Bidliet li jeħtieġu ċertifikat tat-tip ġdid jew ċertifikat tat-tip ristrett

21A.20 Konformità mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip u r-rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali

21A.21 Il-ħruġ ta' ċertifikat tat-tip jew ta' ċertifikat tat-tip ristrett

21A.31 Disinn tat-tip

21A.33 Investigazzjoni u testijiet

21A.35 Testijiet tat-Titjir

21A.41 Ċertifikat tat-tip u ċertifikat tat-tip ristrett

21A.44 Obbligi tad-detentur

- 21A.47 Trasferibbiltà
- 21A.51 Tul ta' żmien u validità kontinwa
- 21A.55 Żamma ta' reġistri
- 21A.57 Manwali
- 21A.61 Struzzjonijiet għall-ajrunavigabilità kontinwa

(SUBPARTI Ċ — MHUX APPLIKABBLI)

SUBPARTI D — BIDLIET FIĊ-ĊERTIFIKATI TAT-TIP U FIĊ-
ĊERTIFIKATI TAT-TIP RISTRETTI

- 21A.90 Ambitu
- 21A.91 Klassifikazzjoni ta' bidliet fid-disinn tat-tip
- 21A.92 Eliġibbiltà
- 21A.93 Applikazzjoni
- 21A.95 Bidliet minuri
- 21A.97 Bidliet maġġuri
- 21A.101 Tfassil ta' speċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni applikabbli u rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali
- 21A.103 Il-ħruġ ta' approvazzjoni
- 21A.105 Żamma ta' reġistri
- 21A.107 Struzzjonijiet għall-ajrunavigabilità kontinwa
- 21A.109 Obbligi u mmarkar tal-EPA

SUBPARTI E — ĊERTIFIKATI TAT-TIP SUPPLIMENTARI

- 21A.111 Ambitu
- 21A.112A Eliġibbiltà
- 21A.112B Turija tal-kapaċità
- 21A.113 Applikazzjoni għal ċertifikat tat-tip supplimentari
- 21A.113B Ċertifikat tat-Tip Supplimentari Ristrett
- 21A.114 Turija ta' konformità
- 21A.115 Ħruġ ta' ċertifikat tat-tip supplimentari
- 21A.116 Trasferibbiltà
- 21A.117 Bidliet għal dik il-parti ta' prodott li hija koperta minn ċertifikat tat-tip supplimentari
- 21A.118A Obbligi u mmarkar tal-EPA
- 21A.118B Tul ta' żmien u validità kontinwa
- 21A.119 Manwali
- 21A.120 Struzzjonijiet għall-ajrunavigabilità kontinwa

SUBPARTI F — PRODUZZJONI MINGĦAJR APPROVAZZJONI
TAL-ORGANIZZAZZJONI TAL-PRODUZZJONI

21A.121 Ambitu

21A.122 Eliġibbiltà

21A.124 Applikazzjoni

21A.125A Il-ħruġ ta' ittra ta' ftehim

21A.125B Sejbiet

21A.125C Tul ta' żmien u validità kontinwa

21A.126 Sistema ta' spezzjoni tal-produzzjoni

21A.127 Testijiet: ajruplani

21A.128 Testijiet: magni u skrejjien

21A.129 Obbligi tal-manifattur

21A.130 Dikjarazzjoni ta' konformità

SUBPARTI G — APPROVAZZJONI TAL-ORGANIZZAZZJONI
TAL-PRODUZZJONI

21A.131 Ambitu

21A.133 Eliġibbiltà

21A.134 Applikazzjoni

21A.135 Il-ħruġ ta' approvazzjoni tal-organizzazzjoni tal-
produzzjoni

21A.139 Sistema ta' Kwalità

21A.143 Espożizzjoni

21A.145 Rekwiżiti tal-approvazzjoni

21A.147 Bidliet fl-organizzazzjoni tal-produzzjoni approvata

21A.148 Bidliet ta' lokazzjoni

21A.149 Trasferibbiltà

21A.151 Termini ta' approvazzjoni

21A.153 Bidliet fit-termini ta' approvazzjoni

21A.157 Investigazzjonijiet

21A.158 Sejbiet

21A.159 Tul ta' żmien u validità kontinwa

21A.163 Privileġġi

21A.165 Obbligi tad-detentur

SUBPARTI H — ĊERTIFIKATI TA' AJRUNAVIGABILITÀ U
ĊERTIFIKATI RISTRETTI TA' AJRUNAVIGABILITÀ

21A.171 Ambitu

- 21A.172 Eliġibbiltà
- 21A.173 Klassifikazzjoni
- 21A.174 Applikazzjoni
- 21A.175 Lingwa
- 21A.177 Emenda jew modifika
- 21A.179 Trasferibbiltà u ħruġ mill-ġdid fi ħdan l-Istati Membri
- 21A.180 Spezzjonijiet
- 21A.181 Tul ta' żmien u validità kontinwa
- 21A.182 Identifikazzjoni tal-ajruplan
- 21A.183 Ċertifikat ristrett tal-ajrunavigabilità bbażat fuq speċifikazzjonijiet speċifiċi tal-ajrunavigabilità – Applikazzjoni għal approvazzjoni tad-disinn
- 21A.185 Ċertifikat ristrett tal-ajrunavigabilità bbażat fuq speċifikazzjonijiet speċifiċi tal-ajrunavigabilità – Tfassil ta' speċifikazzjonijiet speċifiċi tal-ajrunavigabilità u ta' rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali
- 21A.187 Ċertifikat ristrett tal-ajrunavigabilità bbażat fuq speċifikazzjonijiet speċifiċi tal-ajrunavigabilità – Konformità mal-ispeċifikazzjonijiet speċifiċi tal-ajrunavigabilità u marrekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali
- 21A.189 Ċertifikat ristrett tal-ajrunavigabilità bbażat fuq speċifikazzjonijiet speċifiċi tal-ajrunavigabilità – Approvazzjoni tad-disinn tal-ajruplani
- 21A.191 Ċertifikat ristrett tal-ajrunavigabilità bbażat fuq speċifikazzjonijiet speċifiċi tal-ajrunavigabilità – Obbligi tad-detentur tal-approvazzjoni tad-disinn
- 21A.192 Ċertifikat ristrett tal-ajrunavigabilità bbażat fuq speċifikazzjonijiet speċifiċi tal-ajrunavigabilità – Il-ħruġ ta' approvazzjoni tad-disinn u ta' ċertifikat ristrett tal-ajrunavigabilità f'każ ta' revoka jew għaċ-ċediment taċ-ċertifikat tat-tip
- 21A.193 Ċertifikat ristrett tal-ajrunavigabilità bbażat fuq speċifikazzjonijiet speċifiċi tal-ajrunavigabilità – Il-ħruġ ta' ċertifikat ristrett tal-ajrunavigabilità li jirriżulta mir-revoka taċ-ċertifikat tat-tip
- 21A.195 Ċertifikat ristrett tal-ajrunavigabilità bbażat fuq speċifikazzjonijiet speċifiċi tal-ajrunavigabilità – Approvazzjoni tad-disinn tal-kontenut u l-validità tal-ajruplani
- 21A.196 Ċertifikat ristrett tal-ajrunavigabilità bbażat fuq speċifikazzjonijiet speċifiċi tal-ajrunavigabilità – Approvazzjoni tal-bidliet fid-disinn tal-ajruplani

21A.197 Ċertifikat ristrett tal-ajrunavigabilità bbażat fuq speċifikazzjonijiet speċifiċi tal-ajrunavigabilità – Approvazzjoni tad-disinn tat-tiswija

SUBPARTI I — ĊERTIFIKATI TAL-ĦOSS

21A.201 Ambitu

21A.203 Eliġibbiltà

21A.204 Applikazzjoni

21A.207 Emenda jew modifika

21A.209 Trasferibbiltà u ħruġ mill-ġdid fi ħdan l-Istati Membri

21A.210 Spezzjonijiet

21A.211 Tul ta' żmien u validità kontinwa

SUBPARTI J — APPROVAZZJONI TAL-ORGANIZZAZZJONI TAD-DISINN

21A.231 Ambitu

21A.233 Eliġibbiltà

21A.234 Applikazzjoni

21A.235 Il-ħruġ ta' approvazzjoni tal-organizzazzjoni tad-disinn

21A.239 Sistema ta' assigurazzjoni tad-disinn

21A.243 Dejta

21A.245 Rekwiżiti tal-approvazzjoni

21A.247 Bidliet fis-sistema ta' assigurazzjoni tad-disinn

21A.249 Trasferibbiltà

21A.251 Termini ta' approvazzjoni

21A.253 Bidliet fit-termini ta' approvazzjoni

21A.257 Investigazzjonijiet

21A.258 Sejbiet

21A.259 Tul ta' żmien u validità kontinwa

21A.263 Privileġġi

21A.265 Obbligi tad-detentur

SUBPARTI K — PARTIJET U APPARATI

21A.301 Ambitu

21A.303 Konformità mar-rekwiżiti applikabbli

21A.305 Approvazzjoni tal-partijiet u l-apparati

21A.307 Rilaxx ta' partijiet u apparati għal installazzjoni

(SUBPARTI L — MHUX APPLIKABBLI)

SUBPARTI M — TISWIJET

- 21A.431 Ambitu
- 21A.432A Eliġibbiltà
- 21A.432B Turija tal-kapaċità
- 21A.433 Disinn tat-tiswija
- 21A.435 Klassifikazzjoni tat-tiswijiet
- 21A.437 Il-ħruġ ta' approvazzjoni tad-disinn tat-tiswija
- 21A.439 Produzzjoni tal-partijiet tat-tiswija
- 21A.441 Repair embodiment
- 21A.443 Limitazzjonijiet
- 21A.445 Ħsara mhux imsewwija
- 21A.447 Żamma ta' reġistri
- 21A.449 Struzzjonijiet għall-ajrunavigabilità kontinwa
- 21A.451 Obbligi u mmarrar tal-EPA

(SUBPARTI N — MHUX APPLIKABBLI)

SUBPARTI O — AWTORIZZAZZJONIJIET GĦAL ORDNI TA' STANDARD TEKNIKU EWROPEW

- 21A.601 Ambitu
- 21A.602A Eliġibbiltà
- 21A.602B Turija tal-kapaċità
- 21A.603 Applikazzjoni
- 21A.604 Awtorizzazzjoni tal-ETSO għal Unità tal-Enerġija Awżiljarja (APU - Auxiliary Power Unit)
- 21A.605 Rekwiżiti tad-dejta
- 21A.606 Il-ħruġ ta' awtorizzazzjoni tal-ETSO
- 21A.607 Privileġġi tal-awtorizzazzjoni tal-ETSO
- 21A.608 Dikjarazzjoni tad-Disinn u r-Rendiment (DDP)
- 21A.609 Obbligi tad-detenturi tal-awtorizzazzjonijiet tal-ETSO
- 21A.610 Approvazzjoni għal devjazzjoni
- 21A.611 Bidliet fid-disinn
- 21A.613 Żamma ta' reġistri
- 21A.615 Spezzjoni mill-Aġenzija
- 21A.619 Tul ta' żmien u validità kontinwa
- 21A.621 Trasferibbiltà

SUBPARTI P — PERMESS GĦAT-TITJIR

- 21A.701 Ambitu
- 21A.703 Eliġibbiltà

- 21A.705 Awtorità Kompetenti
- 21A.707 Applikazzjoni għal permess għat-titjir
- 21A.708 Kundizzjonijiet tat-titjir
- 21A.709 Applikazzjoni għal approvazzjoni tal-kundizzjonijiet tat-titjir
- 21A.710 Approvazzjoni tal-kundizzjonijiet tat-titjir
- 21A.711 Il-ħruġ ta' permess għat-titjir
- 21A.713 Bidliet
- 21A.715 Lingwa
- 21A.719 Trasferibbiltà
- 21A.721 Spezzjonijiet
- 21A.723 Tul ta' żmien u validità kontinwa
- 21A.725 Tiġdid ta' permess għat-titjir
- 21A.727 Obbligi tad-detentur ta' permess għat-titjir
- 21A.729 Żamma ta' reġistri

SUBPARTI Q — IDENTIFIKAZZJONI TA' PRODOTTI, PARTIJET U TAGĦMIR

- 21A.801 Identifikazzjoni ta' prodotti
- 21A.803 Trattament tad-dejta ta' identifikazzjoni
- 21A.804 Identifikazzjoni ta' partijiet u tagħmir
- 21A.805 Identifikazzjoni ta' partijiet kritiċi
- 21A.807 Identifikazzjoni ta' artikoli tal-ETSO

SEZZJONI B — PROCÈDURI GĦALL-AWTORITAJIET KOMPETENTI

SUBPARTI A — DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

- 21B.5 Ambitu
- 21B.20 Obbligi tal-awtorità kompetenti
- 21B.25 Rekwiżiti għall-organizzazzjoni tal-awtorità kompetenti
- 21B.30 Proċeduri ddokumentati
- 21B.35 Bidliet fl-organizzazzjoni u l-proċeduri
- 21B.40 Riżoluzzjoni ta' tilwim
- 21B.45 Rappurtaġġ/koordinazzjoni
- 21B.55 Żamma ta' reġistri
- 21B.60 Direttivi dwar l-ajrunavigabilità

SUBPARTI B — ĊERTIFIKATI TAT-TIP U ĊERTIFIKATI TAT-TIP RISTRETTI

(SUBPARTI Ċ — MHUX APPLIKABBLI)

SUBPARTI D — BIDLIET FIĊ-ĊERTIFIKATI TAT-TIP U FIĊ-
ĊERTIFIKATI TAT-TIP RISTRETTI

SUBPARTI E — ĊERTIFIKATI TAT-TIP SUPPLIMENTARI

SUBPARTI F — PRODUZZJONI MINGĦAJR APPROVAZZJONI
TAL-ORGANIZZAZZJONI TAL-PRODUZZJONI

21B.120 Investigazzjoni

21B.125 Sejbiet

21B.130 Il-ħruġ ta' ittra ta' ftehim

21B.135 Żamma tal-ittra ta' ftehim

21B.140 Emenda ta' ittra ta' ftehim

21B.145 Limitazzjoni, sospensjoni u revoka ta' ittra ta' ftehim

21B.150 Żamma ta' reġistri

SUBPARTI G — APPROVAZZJONI TAL-ORGANIZZAZZJONI
TAL-PRODUZZJONI

21B.220 Investigazzjoni

21B.225 Sejbiet

21B.230 Il-ħruġ ta' ċertifikat

21B.235 Sorveljanza kontinwa

21B.240 Emenda ta' approvazzjoni tal-organizzazzjoni tal-
produzzjoni

21B.245 Sospensjoni u revoka ta' approvazzjoni tal-
organizzazzjoni tal-produzzjoni

21B.260 Żamma ta' reġistri

SUBPARTI H — ĊERTIFIKATI TA' AJRUNAVIGABILITÀ U
ĊERTIFIKATI RISTRETTI TA' AJRUNAVIGABILITÀ

21B.320 Investigazzjoni

21B.325 Il-ħruġ ta' ċertifikati ta' ajrunavigabilità

21B.326 Ċertifikat ta' ajrunavigabilità

21B.327 Ċertifikat ristrett tal-ajrunavigabilità

21B.328 Ċertifikat ristrett tal-ajrunavigabilità bbażat fuq
speċifikazzjonijiet speċifiċi tal-ajrunavigabilità – Il-ħruġ ta'
approvazzjoni tad-disinn u ta' ċertifikat ristrett tal-
ajrunavigabilità f'każ ta' revoka jew għaċ-ċediment taċ-
ċertifikat tat-tip

21B.330 Sospensjoni u revoka taċ-ċertifikati ta' ajrunavigabilità u
ċertifikati ristretti ta' ajrunavigabilità

21B.345 Żamma ta' reġistri

SUBPARTI I — ĊERTIFIKATI TAL-ĦOSS

21B.420 Investigazzjoni

21B.425 Il-ħruġ ta' ċertifikati tal-ħoss

21B.430 Sospensjoni u revoka ta' ċertifikat tal-ħoss

21B.445 Żamma ta' reġistri

SUBPARTI J — APPROVAZZJONI TAL-ORGANIZZAZZJONI TAD-DISINN

SUBPARTI K — PARTIJET U TAGĦMIR

(SUBPARTI L — MHUX APPLIKABBLI)

SUBPARTI M — TISWIJET

(SUBPARTI N — MHUX APPLIKABBLI)

SUBPARTI O — AWTORIZZAZZJONIJIET GĦAL ORDNI TA' STANDARD TEKNIKU EWROPEW

SUBPARTI P — PERMESS GĦAT-TITJIR

21B.520 Investigazzjoni

21B.525 Il-ħruġ ta' permessi għat-titjir

21B.530 Revoka tal-permessi għat-titjir

21B.545 Żamma ta' reġistri

SUBPARTI Q — IDENTIFIKAZZJONI TA' PRODOTTI, PARTIJET U TAGĦMIR

APPENDIĊI — FORMOLI TAL-EASA”;

(2) in-numerazzjoni tal-punt 21A.1 tinbidel għal 21A.1A

(3) punt ġdid 21A.1B huwa mdaħħal kif ġej:

“21A.1B Terminoloġija

Għall-fini tal-Parti 21A.3 u l-Parti 21A.3B, iċ-ċertifikati tat-tip, iċ-ċertifikati tat-tip ristretti, iċ-ċertifikati tat-tip supplimentari, iċ-ċertifikati tat-tip supplimentari ristretti, l-awtorizzazzjonijiet għal Ordni ta' Standard Tekniku Ewropew (ETSO) u l-approvazzjonijiet maġġuri tad-disinn tat-tiswija huma meqjusa bħala ‘approvazzjonijiet tad-disinn maġġuri’.”

(4) il-punt 21A.3 huwa mibdul b'dan li ġej:

“21A.3A Ħsarat, nuqqas ta' tħaddim u difetti

(a) Sistema għall-Ġbir, l-Investigazzjoni u l-Analiżi tad-Dejta. Id-detentur ta' approvazzjoni ta' disinn maġġuri għandu jkollu sistema għall-ġbir, l-investigazzjoni u l-analiżi tar-rapporti ta', u informazzjoni relatata ma' ħsarat, nuqqas ta' tħaddim, difetti jew okkorrenzi oħrajn li jikkawżaw jew jistgħu jikkawżaw effetti negattivi fuq l-ajrunavigabilità kontinwa tal-prodott, parti jew tagħmir koperta mill-approvazzjoni tad-disinn maġġuri. L-informazzjoni dwar din is-sistema għandha ssir disponibbli għall-operaturi kollha magħrufa tal-prodott, parti jew tagħmir u, jekk tintalab, għandha tingħata lil kwalunkwe persuna awtorizzata skont Regolamenti implimentattivi assoċjati oħrajn.

(b) Rappurtaġġ lill-Aġenzija.

1. Id-detentur ta' approvazzjoni tad-disinn maġġuri jew ta' approvazzjoni ta' disinn tal-ajruplani skont il-punt 21A.191 għandu jirrapporta lill-Aġenzija kwalunkwe ħsara, nuqqas ta' tħaddim, difett jew okkorrenza oħra li jkun konxju tagħha fir-rigward ta' prodott, parti jew tagħmir koperta mill-approvazzjoni tad-disinn maġġuri jew minn approvazzjoni tad-disinn tal-ajruplani skont il-punt 21A.191, u li rriżultat jew tista' tirriżulta f'kundizzjoni mhux sikura.
2. Dawn ir-rapporti għandhom isiru f'forma u manjiera stabbiliti mill-Aġenzija, hekk kif ikun prattikabbli u f'kull każ mibgħuta mhux aktar tard minn 72 siegħa wara l-identifikazzjoni tal-kundizzjoni mhux sikura possibbli, sakemm ma jkunx hemm ċirkostanzi eċċezzjonali li jevitaw dan.

(ċ) Investigazzjoni ta' Okkorrenzi Rappurtati.

1. Meta okkorrenza rrapportata taħt il-paragrafu (b), jew taħt il-punt 21A.129(f)(2) jew 21A.165(f)(2) tirriżulta minn deficijenza fid-disinn, jew minn deficijenza fil-manifattura, id-detentur tal-approvazzjoni tad-disinn maġġuri, jew tal-approvazzjoni tad-disinn tal-ajruplani skont il-punt 21A.191, jew il-manifattur, kif xieraq, għandu jinvestiga r-raġuni għad-deficijenza u jirrapporta lill-Aġenzija r-riżultati tal-investigazzjoni tiegħu u kwalunkwe azzjoni li qiegħed jieħu jew jipproponi li jieħu biex jikkoreġi dik id-deficijenza.
2. Jekk l-Aġenzija ssib li hemm bżonn ta' azzjoni biex tikkoreġi d-deficijenza, id-detentur tal-approvazzjoni tad-disinn maġġuri, jew tal-approvazzjoni tad-disinn tal-ajruplani skont il-punt 21A.191, jew il-manifattur, kif xieraq, għandu jissottometti d-dejta rilevanti lill-Aġenzija.”

(5) Fil-punt 21A.3B, il-punt (ċ) huwa mibdul b'dan li ġej

“(ċ) Meta tkun trid tinħareġ direttiva dwar l-ajrunavigabilità mill-Aġenzija biex tikkoreġi l-kundizzjoni mhux sikura msemmija fil-paragrafu (b), jew li tirrikjedi l-prestazzjoni ta' spezzjoni, id-detentur tal-approvazzjoni tad-disinn maġġuri, għandu:

1. Jipproponi l-azzjoni korrettiva xierqa jew spezzjonijiet meħtieġa, jew it-tnejn, u jissottometti d-dettalji ta' dawn il-proposti lill-Aġenzija għal approvazzjoni.
2. Wara l-approvazzjoni mill-Aġenzija tal-proposti msemmija taħt isubparagrafu (1), jagħmel disponibbli għall-operaturi jew sidien kollha magħrufa tal-prodott, parti jew tagħmir u, fuq talba, lil kwalunkwe persuna li tkun mitluba tikkonforma mad-direttiva dwar l-ajrunavigabilità, dejta deskrittiva xierqa u struzzjonijiet dwar it-tlestija.”

(6) il-punt 21A.4 huwa mibdul b'dan li ġej:

21A.4 Koordinazzjoni bejn id-disinn u l-produzzjoni

Kull detentur ta' approvazzjoni ta' disinn maġġuri, ta' approvazzjoni ta' disinn tal-ajruplani skont il-punt 21A.191 jew ta' approvazzjoni ta' disinn ta' tiswija minuri, għandu jikkollabora mal-organizzazzjoni tal-produzzjoni, kif ikun meħtieġ, biex jassigura:

- (a) Il-koordinazzjoni sodisfaċenti tad-disinn u l-produzzjoni meħtieġa mill-punt 21A.122 jew 21A.133 jew 21A.165(ċ)(2) kif xieraq, u
- (b) L-appoġġ xieraq għall-ajrunavigabilità kontinwa tal-prodott, parti jew tagħmir.

(7) punt ġdid 21A.12 huwa mdaħħal kif ġej:

“21A.12 Ċertifikat tat-tip ristrett

Ċertifikat tat-tip ristrett għal ajruplan jista' jiġi applikat għal meta ċertifikat tat-tip ma jkunx xieraq u l-ajruplan ikun iddisinjat għal skop li għalih l-Aġenzija taqbel li tiġġustifika d-devjazzjonijiet mir-rekwiżiti essenzjali tal-Anness I għar-Regolament Bażiku, jew meta l-magna jew l-iskrun installat fl-ajruplan ma jkollux ċertifikat tat-tip.”

(8) il-punt 21A.17 huwa mibdul b'dan li ġej:

“21A.17 Bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip

(a) Il-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip li trid tiġi nnotifikata għall-ħruġ ta' ċertifikat tat-tip jew ċertifikat tat-tip ristrett, għandha tikkonsisti minn:

1. Il-kodiċi tal-ajrunavigabilità applikabbli stabbilit mill-Aġenzija, li huwa effettiv fid-data tal-applikazzjoni għal dak iċ-ċertifikat:

- (i) Sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor mill-Aġenzija; jew
- (ii) Sakemm l-applikant ma jkunx għażel il-konformità mal-emendi effikaċi sussegwenti jew din tkun meħtieġa skont il-paragrafi (ċ) u (d); jew
- (iii) Għaċ-ċertifikati tat-tip ristretti, esklużi l-paragrafi tal-kodiċi tal-ajrunavigabilità applikabbli li l-Aġenzija ssib li mhumiex xierqa għall-iskop li għalih jintuża l-ajruplan u inklużi l-ispeċifikazzjonijiet alternattivi possibbli.

2. Kwalunkwe kundizzjoni speċjali preskritta skont 21A.16B(a).

(b) Applikazzjoni għal ċertifikat tat-tip jew għal ċertifikat tat-tip ristrett għal ajruplani kbar u ingeni kbar li jaħdmu bir-rotors għandha tkun effettiva għal ħames snin, filwaqt li applikazzjoni għal kwalunkwe ċertifikat tat-tip jew ċertifikat tat-tip ristrett ieħor għandha tkun effettiva għal tliet snin, sakemm l-applikant ma jurix, fiż-żmien tal-applikazzjoni, li l-prodott tiegħu jeħtieġ perjodu itwal għad-disinn, l-iżvilupp u l-ittestjar, u l-Aġenzija tapprova perjodu itwal.

(c) Fil-każ fejn ma jkun inħareġ ebda ċertifikat tat-tip jew ċertifikat tat-tip ristrett, jew fejn ikun jidher ċar li mhux ser jinħareġ ċertifikat tat-tip jew ċertifikat tat-tip ristrett, fi h'dan il-limitu ta' żmien stabbilit taħt il-paragrafu (b); l-applikant jista':

1. Jissottometti applikazzjoni ġdida għal ċertifikat tat-tip jew għal ċertifikat tat-tip ristrett u jikkonforma mad-dispożizzjonijiet kollha tal-paragrafu (a) applikabbli għal applikazzjoni oriġinali; jew

2. Jitlob għal estensjoni tal-applikazzjoni oriġinali u jikkonforma mal-kodiċi tal-ajrunavigabilità applikabbli li kienu effettivi f'data, li għandha tintgħażel mill-applikant, mhux qabel id-data li tippreċedi d-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat tat-tip jew taċ-ċertifikat tat-tip ristrett sal-limitu ta' żmien stabbilit taħt il-paragrafu (b) għall-applikazzjoni oriġinali.
- (d) Jekk applikant jagħżel li jikkonforma ma' emenda għall-kodiċi tal-ajrunavigabilità li hija effettiva wara s-sottomissjoni tal-applikazzjoni għal ċertifikat tat-tip jew għal ċertifikat tat-tip ristrett, l-applikant għandu jikkonforma wkoll ma' kwalunkwe emenda oħra li l-Aġenzija ssib li hija relatata direttament.”
- (9) il-punt 21A.18 huwa mibdul b'dan li ġej:

“21A.18 Tfassil ta' rekwiżiti għall-protezzjoni ambjentali u speċifikazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni applikabbli

- (a) Ir-rekwiżiti tal-ħoss applikabbli għall-ħruġ ta' ċertifikat tat-tip jew ta' ċertifikat tat-tip ristrett għal ajruplan huma preskritti skont id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 1 tal-Anness 16, Volum I, Parti II għall-Konvenzjoni ta' Chicago u:
1. għal ajruplani b'jets subsoniċi, fil-Volum I, Parti II, Kapitolu 2, 3 u 4, kif applikabbli;
 2. għal ajruplani misjuqa bl-iskrun, fil-Volum I, Parti II, Kapitolu 3, 4, 5, 6 u 10, kif applikabbli;
 3. għal ħelikopters, fil-Volum I, Parti II, Kapitolu 8 u 11, kif applikabbli; u
 4. għal ajruplani supersoniċi, fil-Volum I, Parti II, Kapitolu 12, kif applikabbli.
- (b) Ir-rekwiżiti tal-emissjonijiet applikabbli għall-ħruġ ta' ċertifikat tat-tip jew ta' ċertifikat tat-tip ristrett għal ajruplani u magni huma preskritti fl-Anness 16 għall-Konvenzjoni ta' Chicago:
1. għall-prevenzjoni ta' ħruġ ta' fjuwil intenzjonat, fil-Volum II, Parti II, Kapitolu 2;
 2. għall-emissjonijiet tal-magni turbo-jet u turbofan maħsuba biss għall-propulsjoni f'veloċitajiet subsoniċi, fil-Volum II, Parti III, Kapitolu 2; u
 3. għall-emissjonijiet tal-magni turbo-jet u turbofan maħsuba biss għall-propulsjoni f'veloċitajiet supersoniċi, fil-Volum II, Parti III, Kapitolu 3.
- (c) L-Aġenzija għandha toħroġ, skont l-Artikolu 14 tar-Regolament Bażiku, speċifikazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni li jipprovdu għal mezzi aċċettabbli sabiex juru konformità mar-rekwiżiti tal-ħsejjes u tal-emissjonijiet li huma stabbiliti fil-paragrafi (a) u (b) rispettivament.”
- (10) il-punt 21A.19 huwa mibdul b'dan li ġej:

“21A.19 Bidliet li jirrikjedu ċertifikat tat-tip jew ċertifikat tat-tip ristrett ġdid

Kwalunkwe persuna naturali jew legali li tipproponi li tibdel prodott għandha tapplika għal ċertifikat tat-tip jew ċertifikat tat-tip ristrett għdid jekk l-Aġenzija ssib li t-tibdil fid-disinn, il-qawwa, il-forza jew il-massa huwa tant estensiv li jkun hemm bżonn ta' investigazzjoni sostanzjalment kompluta ta' konformità mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip applikabbli.”

(11) il-punt 21A.21 huwa mibdul b'dan li ġej:

“21A.21 Il-ħruġ ta' ċertifikat tat-tip jew ċertifikat tat-tip ristrett

L-applikant għandu jkun intitolat li jkollu ċertifikat tat-tip għall-prodott jew ċertifikat tat-tip ristrett għal ajruplan maħruġ mill-Aġenzija wara li:

- (a) juri l-kapaċità tiegħu skont il-punt 21A.14;
- (b) jissottometti d-dikjarazzjoni msemmija fil-punt 21A.20(b); u
- (ċ) jintwera li:
 - 1. Il-prodott li jrid jiġi ċertifikat jissodisfa l-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip applikabbli u r-rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali magħżula skont il-punti 21A.17 u 21A.18;
 - 2. Kwalunkwe dispożizzjonijiet tal-ajrunavigabilità li ma tintlaħaqx konformità magħhom jiġu kkompensati minn fatturi li jipprovdu livell ekwivalenti ta' sigurtà;
 - 3. Ebda karatteristika ma tagħmlu mhux sikur għall-użu li għalih tintalab iċ-ċertifikazzjoni; u
 - 4. L-applikant għaċ-ċertifikat tat-tip jew iċ-ċertifikat tat-tip ristrett iddikjara espressament li huwa lest li jikkonforma mal-punt 21A.44.
- (d) Fil-każ ta' ċertifikat tat-tip għal ajruplani, il-magna jew l-iskrun, jew it-tnejn, jekk ikunu installati fl-ajruplan, għandu jkollhom ċertifikat tat-tip maħruġ jew iddeterminat skont dan ir-Regolament.
- (e) Fil-każ ta' ċertifikat tat-tip ristrett, il-magna jew l-iskrun, jew it-tnejn, jekk ikunu installati fl-ajruplan, għandhom:
 - 1. ikollhom ċertifikat tat-tip maħruġ jew iddeterminat skont dan ir-Regolament; jew
 - 2. ikunu wrew li huma konformi mal-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni meħtieġa sabiex jiġi assigurat li l-ajruplan ikun jista' jtir mingħajr periklu.”

(12) il-punt 21A.23 huwa mħassar

(13) fil-punt 21A.35, il-punt (a) huwa mibdul b'dan li ġej:

“(a) L-ittestjar tat-tajran għall-iskop tal-ksib ta' ċertifikat tat-tip jew ċertifikat tat-tip ristrett għandu jsir skont il-kundizzjonijiet għal tali ittestjar tat-tajran speċifikati mill-Aġenzija.”

(14) il-punt 21A.41 huwa mibdul b'dan li ġej:

“21A.41 Ċertifikat tat-tip u iċ-ċertifikat tat-tip ristrett

Iċ-ċertifikat tat-tip u iċ-ċertifikat tat-tip ristrett huma t-tnejn meqjusa bħala li jinkludu d-disinn tat-tip, il-limitazzjonijiet operattivi, id-*data sheet* taċ-

ċertifikat tat-tip għall-ajrunavigabilità u l-emissjonijiet, il-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip applikabbli u r-rekwiżiti għall-ħarsien ambjentali li magħhom l-Aġenzija tirreġistra l-konformità, u kwalunkwe kundizzjonijiet jew limitazzjonijiet oħrajn preskritti għall-prodott fl-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni applikabbli u r-rekwiżiti għall-ħarsien ambjentali, u fil-każ ta' ċertifikat tat-tip ristrett, kwalunkwe limitazzjonijiet addizzjonali għall-użu relatat mal-għan u kwalunkwe nuqqas ta' konformità mal-Anness 8 għall-Konvenzjoni ta' Chicago. Barra minn hekk, iċ-ċertifikat tat-tip u ċ-ċertifikat tat-tip ristrett tal-ajruplani, it-tnejn jinkludu d-*data sheet* taċ-ċertifikat tat-tip għall-ħsejjes. Id-*data sheet* taċ-ċertifikat tat-tip tal-magna tinkludi r-reġistru tal-konformità tal-emissjonijiet.”

- (15) il-punt 21A.44 huwa mibdul b'dan li ġej:

“21A.44 Obbligi tad-detentur

Kull detentur ta' ċertifikat tat-tip jew ta' ċertifikat tat-tip ristrett għandu:

- (a) jwettaq l-obbligi stipulati f'21A.3, 21A.3B, 21A.4, 21A.55, 21A.57 u 21A.61; u, għal dan il-għan, għandu jkompli jissodisfa r-rekwiżiti tal-kwalifikazzjoni għall-eliġibbiltà skont il-punt 21A.14 jew, bħala proċedura alternattiva, ifittex il-ftehim tal-Aġenzija għall-użu tal-proċeduri li jistabbilixxu l-attivitajiet tagħha biex twettaq dawn l-obbligi; u
- (b) jispeċifika l-immarkar skont is-Subparti Q; u
- (c) jirrapporta lill-Aġenzija kwalunkwe falliment milli jissodisfa l-obbligi imposti fuqu minn din is-Subparti B.”

- (16) il-punt 21A.47 huwa mibdul b'dan li ġej:

“21A.47 Trasferibbiltà

It-trasferiment ta' ċertifikat tat-tip jew ċertifikat tat-tip ristrett jista' jsir biss lil persuna naturali jew legali li tkun tista' twettaq l-obbligi skont il-punt 21A.44, u, għal dan il-għan, tkun uriet il-kapaċità meħtieġa skont il-punt 21A.44(a).”

- (17) il-punt 21A.51 huwa mibdul b'dan li ġej:

“21A.51 Tul ta' żmien u validità kontinwa

- (a) Iċ-ċertifikat tat-tip u ċ-ċertifikat tat-tip ristrett għandhom jinħarġu għal żmien mhux limitat. Dawn għandhom jibqgħu validi sakemm iċ-ċertifikat ma jiġix ċedut jew irrevokat skont il-proċeduri amministrattivi applikabbli stabbiliti mill-Aġenzija.
- (b) Meta jiġu ċeduti jew irrevokati, iċ-ċertifikat tat-tip u ċ-ċertifikat tat-tip ristrett għandhom jingħataw lura lill-Aġenzija.”

- (18) it-titolu tas-Subparti E huwa mibdul b'dan li ġej:

“SUBPARTI E – ĊERTIFIKATI TAT-TIP SUPPLIMENTARI U ĊERTIFIKATI TAT-TIP SUPPLIMENTARI RISTRETTI”

- (19) il-punt 21A.111 huwa mibdul b'dan li ġej:

“21A.111 Ambitu

Din is-Subparti tistabbilixxi l-proċedura għall-approvazzjoni ta' bidliet maġġuri fid-disinn tat-tip skont ċertifikati tat-tip supplimentari u għall-approvazzjoni ta' bidliet maġġuri f'ajruplan skont ċertifikati tat-tip supplimentari ristretti, u tistabbilixxi d-drittijiet u l-obbligi tal-applikanti għal, u d-detenturi ta', dawk iċ-ċertifikati.”

(20) punt ġdid 21A.113B huwa mdaħħal kif ġej:

“21A.113B Ċertifikat tat-Tip Supplimentari Ristrett

- (a) Tista' ssir applikazzjoni għal ċertifikat tat-tip supplimentari ristrett għal bidla maġġuri fid-disinn tat-tip ta' ajruplan meta
1. approvazzjoni ta' ċertifikat tat-tip supplimentari jew ta' bidla maġġuri ma tkunx xierqa; u
 2. l-ajruplan jiġi mmodifikat għal skop li għalih l-Aġenzija taqbel li tiġġustifika d-devjazzjonijiet mir-rekwiżiti essenzjali tal-Anness I għar-Regolament Bażiku.
- (b) Il-paragrafi 21A.112, 21A.112B, 21A.113, 21A.116, 21A.117, 21A.118A, 21A.118B, 21A.119 u 21A.120 għandhom japplikaw għal applikazzjonijiet għal ċertifikat tat-tip supplimentari ristrett.
- (c) L-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni applikabbli għandhom ikunu dawk stabbiliti skont il-paragrafu 21A.101 esklużi l-paragrafi tal-kodiċi tal-ajrunavigabilità applikabbli li l-Aġenzija ssib li mhumiex xierqa għall-iskop li għalih jintuża l-ajruplan u inklużi l-ispeċifikazzjonijiet alternattivi possibbli.
- (d) L-applikant għandu jkun intitolat għal ċertifikat tat-tip supplimentari ristrett maħruġ mill-Aġenzija wara li:
1. jintwera li l-ajruplan mibdul huwa konformi mal-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni kif innotifikati taħt is-subparagrafu (ċ) hawn fuq u skont ir-rekwiżiti applikabbli għall-ħarsien ambjentali, billi:
 - (i) jissottometti lill-Aġenzija dejta li tissostanzja, flimkien ma' kwalunkwe dejta deskrittiva meħtieġa sabiex jiġu s-supplimentat id-disinn tat-tip;
 - (ii) jiddikjara li wera konformità mal-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni applikabbli u r-rekwiżiti għall-ħarsien ambjentali u jipprovdli lill-Aġenzija l-bażi li fuqha tkun saret tali dikjarazzjoni;
 - (iii) fejn l-applikant ikollu approvazzjoni tal-organizzazzjoni tad-disinn xierqa, għandu jagħmel id-dikjarazzjoni tas-subparagrafu (d)(1)(ii) skont id-dispożizzjonijiet tas-Subparti J;
 - (iv) jikkonforma mal-punt 21A.33 u, fejn applikabbli, mal-punt 21A.35.
 2. juri l-kapaċità tiegħu skont il-punt 21A.112B;
 3. fejn, skont il-punt 21A.113(b), l-applikant ikun daħal f'arranġament mad-detentur taċ-ċertifikat tat-tip,

- (i) Id-detentur taċ-ċertifikat tat-tip stqarr li huwa ma għandu ebda oġġezzjoni teknika għall-informazzjoni sottomessa taħt il-punt 21A.93; u
 - (ii) Id-detentur taċ-ċertifikat tat-tip qabel li jikkollabora mad-detentur taċ-ċertifikat tat-tip supplimentari sabiex jinħall mill-obbligi kollha għall-ajrunavigabilità kontinwa tal-prodott mibdul permezz tal-konformità ma' 21A.44 u 21A.118A.
4. Fil-każ ta' ċertifikat tat-tip supplimentari ristrett għall-ajruplani, relatat mal-installazzjoni ta' magna jew skrun, il-magna jew l-iskrun, jew it-tnejn, huwa għandu:
- (i) ikollu ċertifikat tat-tip maħruġ jew iddeterminat skont dan ir-Regolament; jew
 - (ii) ikun intwera li huwa f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni meħtieġa sabiex jiġi assigurat li l-ajruplan ikun jista' jtir mingħajr periklu.
- (e) Iċ-ċertifikat tat-tip supplimentari ristrett għandu jispeċifika kwalunkwe limitazzjonijiet addizzjonali għall-użu relatat għal dak il-għan.”
- (21) il-punt 21A.118A huwa mibdul b'dan li ġej:
- “21A.118A Obbligi u mmarkar tal-EPA**
- Kull detentur ta' ċertifikat tat-tip supplimentari jew ċertifikat tat-tip supplimentari ristrett għandu:
- (a) iwettaq l-obbligi:
 1. Stipulati f'21A.3, 21A.3B, 21A.4, 21A.105, 21A.119 u 21A.120;
 2. Impliċiti fil-kollaborazzjoni mad-detentur taċ-ċertifikat tat-tip taħt il-punt 21A.115(ċ)(2);
 u għal dan il-għan ikompli jissodisfa l-kriterji ta' 21A.112B
 - (b) jispeċifika l-immarkar, inklużi l-ittri tal-EPA, b'konformità ma' 21A.804(a).
 - (ċ) jirrapporta lill-Aġenzija kwalunkwe falliment milli jissodisfa l-obbligi imposti fuq minn din is-Subparti E.”
- (22) il-punt 21A.118B huwa mibdul b'dan li ġej:
- “21A.118B Tul ta' żmien u validità kontinwa**
- (a) Ċertifikat tat-tip supplimentari jew ċertifikat tat-tip supplimentari ristrett għandu jinħareġ għal żmien mhux limitat. Dan għandu jibqa' validu suġġett li ċ-ċertifikat ma jiġix ċedut jew irrevokat skont il-proċeduri amministrattivi applikabbli stabbiliti mill-Aġenzija.
 - (b) Maċ-ċediment jew ir-revoka tiegħu, iċ-ċertifikat tat-tip supplimentari jew iċ-ċertifikat tat-tip supplimentari ristrett għandu jingħata lura lill-Aġenzija.”
- (23) il-punt 21A.173 huwa mibdul b'dan li ġej:
- “21A.173 Klassifikazzjoni**

- (a) Iċ-ċertifikati tal-ajrunavigabilità għandhom jinħarġu għal ajruplan li jikkonforma ma' ċertifikat tat-tip li nħareġ b'konformità ma' din il-Parti.
 - (b) Iċ-ċertifikati ristretti tal-ajrunavigabilità għandhom jinħarġu għal ajruplani:
 1. li jikkonformaw ma' ċertifikat tat-tip ristrett li nħareġ b'konformità ma' din il-Parti; jew
 2. li jikkonformaw ma' ċertifikat tat-tip kif issupplimentat minn ċertifikat tat-tip supplimentari ristrett li nħareġ b'konformità ma' din il-Parti; jew
 3. li ntwerew lill-Aġenzija bħala li jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet tal-ajrunavigabilità speċifiċi sabiex tiġi assicurata s-sigurtà adegwata.”
- (24) il-punt 21A.174 huwa mibdul b'dan li ġej:

“21A.174 Applikazzjoni

- (a) Skont il-punt 21A.172, applikazzjoni għal ċertifikat ta' ajrunavigabilità jew għal ċertifikat ristrett tal-ajrunavigabilità għandha ssir lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistru f'forma u manjiera stabbiliti minn dik l-Awtorità.
- (b) Kull applikazzjoni għal ċertifikat tal-ajrunavigabilità jew ċertifikat ristrett tal-ajrunavigabilità għandha tinkludi:
 1. il-klassi taċ-ċertifikat tal-ajrunavigabilità li ssir l-applikazzjoni għalih;
 2. fir-rigward ta' ajruplani ġodda:
 - (i) Dikjarazzjoni tal-konformità:
 - maħruġa skont il-punt 21A.163(b), jew
 - maħruġa skont il-punt 21A.130 u vvalidata mill-Awtorità Kompetenti,
 - jew, għal ajruplan importat, dikjarazzjoni ffirmata mill-awtorità li tesporta li l-ajruplan jikkonforma ma' disinn approvat mill-Aġenzija
 - (ii) Rapport dwar il-piż u l-bilanċ bi skeda ta' tagħbija.
 - (iii) Il-manwal tat-titjir, meta mitlub mill-kodiċi tal-ajrunavigabilità applikabbli għall-ajruplan partikolari.
 3. fir-rigward ta' ajruplani użati:
 - (i) li joriġinaw minn Stat Membru, ċertifikat ta' reviżjoni tal-ajrunavigabilità maħruġ b'konformità mal-Parti M.
 - (ii) li joriġinaw minn stat mhux membru:
 - dikjarazzjoni mill-awtorità kompetenti tal-Istat fejn l-ajruplan huwa, jew kien, reġistrat, li tkun tirrifletti l-istatus tal-ajrunavigabilità tal-ajruplan fuq ir-reġistru tagħha fil-ħin tat-trasferiment.
 - rapport dwar il-piż u l-bilanċ bi skeda ta' tagħbija.

- il-manwal tat-titjir meta tali materjal ikun mitlub mill-kodiċi tal-ajrunavigabilità applikabbli għall-ajruplan partikolari.
 - rekords storiċi sabiex jiġi stabbilit il-livell tal-produzzjoni, il-modifikazzjoni u l-manutenzjoni tal-ajruplan, inklużi l-limitazzjonijiet kollha applikabbli għall-ajruplan skont ir-regoli tal-Istat fejn l-ajruplan huwa jew kien reġistrat.
 - rakkomandazzjoni għall-ħruġ ta' ċertifikat tar-reviżjoni tal-ajrunavigabilità wara reviżjoni tal-ajrunavigabilità b'konformità mal-Parti M.
- (ċ) Kull applikazzjoni għal ċertifikat ristrett tal-ajrunavigabilità għal ajruplan, li għalih iċ-ċertifikat tal-ajrunavigabilità sar invalidu minħabba l-inkarnazzjoni ta' ċertifikat tat-tip supplimentari ristrett, għandha tinkludi rakkomandazzjoni għall-ħruġ ta' ċertifikat tar-reviżjoni tal-ajrunavigabilità b'konformità mal-Parti M.
- (d) Sakemm ma jintlaħaqx qbil mod ieħor, id-dikjarazzjonijiet imsemmija fis-subparagrafi (b)(2)(i) u (b)(3)(ii) għandhom jinħarġu mhux aktar minn 60 ġurnata qabel il-preżentazzjoni tal-ajruplan lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistru.”

(25) il-punt 21A.177 huwa mibdul b'dan li ġej:

“21A.177 Emenda jew modifika

Ċertifikat ta' ajrunavigabilità jew ċertifikat ristrett tal-ajrunavigabilità jista' jiġi emendat jew immodifikat biss mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistru.”

(26) il-punt 21A.179 huwa mibdul b'dan li ġej:

“21A.179 Trasferibilità u ħruġ mill-ġdid fi ħdan l-Istati Membri

(a) Fejn il-proprjetà ta' ajruplan tkun inbidlet:

1. jekk jibqa' fuq l-istess reġistru, iċ-ċertifikat tal-ajrunavigabilità, jew iċ-ċertifikat ristrett tal-ajrunavigabilità għandu jiġi trasferit flimkien mal-ajruplan;
2. jekk l-ajruplan ikun irreġistrat fi Stat Membru ieħor, iċ-ċertifikat tal-ajrunavigabilità, jew iċ-ċertifikat ristrett tal-ajrunavigabilità għandu jinħareġ:

(i) mal-preżentazzjoni ta' dak li kien iċ-ċertifikat tal-ajrunavigabilità jew ċertifikat ristrett tal-ajrunavigabilità u ta' ċertifikat validu tar-reviżjoni tal-ajrunavigabilità maħruġ skont il-Parti M, u

(ii) meta jissodisfa l-punt 21A.175.

(b) Fejn il-proprjetà ta' ajruplan tkun inbidlet, u l-ajruplan ikollu ċertifikat ristrett tal-ajrunavigabilità bbażat fuq approvazzjoni tad-disinn maħruġa jew stabbilita b'konformità ma' 21A.191, 21A.194A jew 21A.194B, l-approvazzjoni tad-disinn għandha wkoll tiġi trasferita lis-sid il-ġdid.”

(27) il-punt 21A.180 huwa mibdul b'dan li ġej:

“21A.180 Spezzjonijiet

L-applikant jew id-detentur ta' ċertifikat tal-ajrunavigabilità jew ta' ċertifikat ristrett tal-ajrunavigabilità għandu jipprovdi aċċess għall-ajruplan li għalih ser jidher jew inħareġ dak iċ-ċertifikat fuq talba mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistru.”

(28) il-punt 21A.181 huwa mibdul b'dan li ġej:

“21A.181 Tul ta' żmien u validità kontinwa

(a) Ċertifikat tal-ajrunavigabilità għandu jinħareġ għal żmien mhux limitat. Huwa għandu jibqa' validu sakemm:

1. ikun konformi mad-disinn approvat u mar-rekwiżiti tal-ajrunavigabilità kontinwa; u
2. l-ajruplan jibqa' fuq l-istess reġistru; u
3. iċ-ċertifikat tat-tip li permezz tiegħu jkun inħareġ ma jkunx ġie invalidat qabel skont il-punt 21A.51.
4. iċ-ċertifikat ma jkunx ġie ċedut, sospiż jew irrevokat.
5. l-ajruplan ma jkunx ġie mmodifikat b'konformità ma' ċertifikat tat-tip supplimentari ristrett.

(b) Ċertifikat ristrett tal-ajrunavigabilità għandu jinħareġ għal żmien mhux limitat. Huwa għandu jibqa' validu sakemm:

1. ikun konformi mad-disinn approvat u r-rekwiżiti tal-ajrunavigabilità kontinwa applikabbli; u
2. l-ajruplan jibqa' fuq l-istess reġistru; u
3. l-approvazzjonijiet tad-disinn li permezz tagħhom ikun inħareġ ma jkunx ġew ċeduti jew irrevokati qabel skont 21A.51, 21A.118B jew 21A.191(d) kif applikabbli; u
4. iċ-ċertifikat ma jkunx ġie ċedut, sospiż jew irrevokat.

(ċ) Maċ-ċediment jew ir-revoka tiegħu, iċ-ċertifikat għandu jingħata lura lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistru.”

(29) il-punt 21A.182 huwa mibdul b'dan li ġej:

“21A.182 Identifikazzjoni tal-ajruplani

Kull applikant għal ċertifikat tal-ajrunavigabilità jew ċertifikat ristrett tal-ajrunavigabilità taħt din is-Subparti għandu juri li l-ajruplan tiegħu huwa identifikat b'konformità mas-Subparti Q.”

(30) punt 21A.183 ġdid huwa mdaħħal kif ġej :

“21A.183 Ċertifikat ristrett tal-ajrunavigabilità bbażat fuq l-ispeċifikazzjonijiet speċifiċi tal-ajrunavigabilità – Applikazzjoni għall-approvazzjoni tad-disinn

(a) Meta ċertifikat tat-tip u ċertifikat tat-tip ristrett ma jkunx xierqa, l-applikant għal ċertifikat ristrett tal-ajrunavigabilità, fuq il-bażi ta'

speċifikazzjoni speċifiċi tal-ajrunavigabilità, għandu jkun eliġibbli għal applikazzjoni għal approvazzjoni tad-disinn skont dan il-paragrafu.

- (b) L-applikant għandu juri l-kapaċità tiegħu billi jkollu approvazzjoni minn organizzazzjoni tad-disinn, maħruġa mill-Aġenzija skont Subparti J. Bħala proċedura alternattiva biex juri l-kapaċità tiegħu, l-applikant jista' jfittex ftehim mal-Aġenzija għall-użu ta' proċeduri li jstabbilixxu prattiċi tad-disinn, riżorsi u sekwenza ta' attivitajiet speċifiċi, meħtieġa għall-konformità mal-paragrafi 21A.187, 21A.189, 21A.191, 21A.195, 21A.196 u 21A.197.
 - (c) Applikazzjoni għal approvazzjoni tad-disinn ta' ajruplan eliġibbli għal ċertifikat ristrett tal-ajrunavigabilità fuq il-bażi ta' speċifikazzjonijiet speċifiċi tal-ajrunavigabilità għandha ssir b'tali mod u manjiera stabbilita mill-Aġenzija.
 - (d) L-applikazzjoni għandha tinkludi disinn minn tliet lati ta' dak l-ajruplan u dejta bażika preliminari, inkluż il-karatteristiċi u l-limitazzjonijiet tat-tħaddim proposti.”
- (31) punt ġdid 21A.185 huwa mdaħħal kif ġej:

“21A.185 Ċertifikat ristrett tal-ajrunavigabilità, ibbażat fuq speċifikazzjonijiet speċifiċi tal-ajrunavigabilità – Nominazzjoni ta' speċifikazzjonijiet speċifiċi tal-ajrunavigabilità u ta' rekwiżiti ta' protezzjoni ambjentali

- (a) Għall-approvazzjoni tad-disinn ta' ajruplan eliġibbli għal ċertifikat ristrett tal-ajrunavigabilità fuq il-bażi tal-ispeċifikazzjonijiet speċifiċi tal-ajrunavigabilità, l-Aġenzija għandha tinnotifika l-ispeċifikazzjonijiet speċifiċi tal-ajrunavigabilità filwaqt li tiżgura sigurtà adegwata;
 - (b) Ir-rekwiżiti ta' protezzjoni ambjentali applikabbli u l-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni huma dawk speċifikati fil-punt 21A.18.”
- (32) punt ġdid 21A.187 huwa mdaħħal kif ġej:

“21A.187 Ċertifikat ristrett tal-ajrunavigabilità bbażat fuq speċifikazzjonijiet speċifiċi tal-ajrunavigabilità – Konformità mal-ispeċifikazzjonijiet speċifiċi tal-ajrunavigabilità u mar-rekwiżiti ta' protezzjoni ambjentali

- (a) L-applikant għall-approvazzjoni tad-disinn ta' ajruplan eliġibbli għal ċertifikat ristrett tal-ajrunavigabilità fuq il-bażi tal-ispeċifikazzjonijiet speċifiċi tal-ajrunavigabilità għandu juri l-konformità mal-ispeċifikazzjonijiet speċifiċi tal-ajrunavigabilità u mar-rekwiżiti ta' protezzjoni ambjentali li hemm referenza għalihom fil-punt 21A.185 u għandu jipprovi lill-Aġenzija bil-mezz li bih tkun intweriet din il-konformità.
- (b) L-applikant għandu jiddikjara li huwa wera l-konformità mal-ispeċifikazzjonijiet speċifiċi tal-ajrunavigabilità u mar-rekwiżiti ta' protezzjoni ambjentali skont il-punt 21A.185.

- (c) Id-dikjarazzjoni tas-subparagrafu (b) għandha ssir skont id-dispożizzjonijiet tas-Subparti J jew tal-proċeduri alternattivi għall-approvazzjoni tal-organizzazzjoni tad-disinn.”

(33) punt ġdid 21A.189 huwa mdaħħal kif ġej:

“21A.189 Ċertifikat ristrett tal-ajrunavigabilità bbażat fuq l-ispeċifikazzjonijiet speċifiċi tal-ajrunavigabilità – Approvazzjoni tad-disinn tal-ajruplan

L-applikant għandu jkun intitolat li jkollu approvazzjoni tad-disinn tal-ajruplan maħruġ mill-Aġenzija wara:

- (a) s-sottomissjoni tad-dikjarazzjoni li hemm referenza għaliha fi 21A.187(b); u
- (b) li jkun intwera li:
1. l-ajruplan li għandu jiġi approvat jissodisfa l-ispeċifikazzjonijiet speċifiċi tal-ajrunavigabilità u r-rekwiżiti ta' protezzjoni ambjentali skont il-punt 21A.185;
 2. ebda karatteristika ma tagħmlu mhux sikur għal użu li għalih tkun intalbet l-approvazzjoni; u
 3. il-magna jew l-iskrun, jew it-tnejn, jekk installati fl-ajruplan:
 - (i) ikollhom ċertifikat tat-tip maħruġ jew stabbilit skont dan ir-Regolament; jew
 - (ii) intwerew li jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet speċifiċi tal-ajrunavigabilità li jiżguraw sigurtà adegwata.”

(34) punt ġdid 21A.191 huwa mdaħħal kif ġej:

“21A.191 Ċertifikat ristrett tal-ajrunavigabilità bbażat fuq l-ispeċifikazzjonijiet speċifiċi tal-ajrunavigabilità – Obbligi tad-detentur tal-approvazzjoni tad-disinn

- (a) Id-detentur tal-approvazzjoni tad-disinn ta' ajruplan għandu jirrapporta kwalunkwe ħsara, malfunzjoni, difett jew okkorrenza oħra lill-Aġenzija li jkun konxju tagħhom u li tkun relatata mal-ajruplan kopert bl-approvazzjoni tad-disinn, u li tkun irriżultat jew inkella tista' tirriżulta f'kundizzjoni mhux sikura. Dawn ir-rapporti għandhom isiru b'tali mod u manjiera stabbiliti mill-Aġenzija, prattikabbli kemm jista' jkun u fi kwalunkwe każ għandhom jintbagħtu mhux iktar tard minn 72 siegħa wara l-identifikazzjoni tal-kundizzjoni mhux sikura possibbli, sakemm ċirkostanzi eċċezzjonali ma jipprevenux dan.
- (b) Meta tiġi rrapportata okkorrenza skont il-paragrafu (a) riżultati minn nuqqas fid-disinn, id-detentur tal-approvazzjoni tad-disinn għandu jinvestiga r-raġuni għan-nuqqas u għandu jirrapporta r-riżultati tal-investigazzjoni tiegħu lill-Aġenzija u għandu jirrapporta wkoll kwalunkwe azzjoni li qiegħed jieħu jew li qiegħed jipproponi li jieħu sabiex jirranġa dak in-nuqqas. Jekk l-Aġenzija ssib li hemm bżonn ta' azzjoni biex tikkoreġi n-nuqqas, id-detentur tal-approvazzjoni tad-disinn għandu jibgħat id-dejta rilevanti għall-approvazzjoni lill-Aġenzija.

- (c) Id-detentur tal-approvazzjoni ta' disinn ta' ajruplan għandu:
1. Iżomm kif xieraq, l-informazzjoni kollha rilevanti dwar id-disinn, tpinġijiet u rapporti tat-testijiet, sabiex jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa sabiex jiżgura l-ajrunavigabilità kontinwata u l-konformità mar-rekwiżiti ta' protezzjoni ambjentali applikabbli tal-ajruplan.
 2. Jipproduċi, iżomm jew jaġġorna kif xieraq, il-manwali neċessarji kollha, u għandu jipprovdi kopji, fuq talba, lill-Aġenzija.
 3. Jipproduċi, iżomm jew jaġġorna kif xieraq struzzjonijiet għal ajrunavigabilità kontinwata.”

(35) punt ġdid 21A.192 huwa mdaħħal kif ġej:

“21A.192 Ċertifikat ristrett tal-ajrunavigabilità bbażat fuq speċifikazzjonijiet speċifiċi tal-ajrunavigabilità – Ħruġ ta' approvazzjoni tad-disinn u ta' ċertifikat ristrett tal-ajrunavigabilità fil-każ ta' revoka jew għoti lil ħaddieħor taċ-ċertifikat tat-tip

Permezz ta' deroga minn 21A.174, 21A.183, 21A.185, 21A.187 u 21A.189:

- (a) Għal ajruplan li għalih, iċ-ċertifikat tat-tip (ristrett) jiġi ċedut jew revokat għal raġuni li mhijiex relatata mas-sigurtà tad-disinn, il-persuna li taħt l-isem tagħha ikun reġistrat l-ajruplan tista' tapplika għal approvazzjoni tad-disinn ta' dak l-ajruplan.
- (b) L-applikant għal approvazzjoni tad-disinn għandu juri l-kapaċità tiegħu billi jkollu approvazzjoni minn organizzazzjoni tad-disinn, maħruġa mill-Aġenzija skont Subparti J. Bħala proċedura alternattiva biex juri l-kapaċità tiegħu, l-applikant jista' jfittex ftehim mal-Aġenzija għall-użu ta' proċeduri li jistabbilixxu attivitajiet speċifiċi, meħtieġa sabiex jikkonforma mal-paragrafi 21A.191, 21A.196 u 21A.197.
- (c) Meta l-Aġenzija tkun issodisfata li l-applikant jikkonforma mas-subparagrafu (b), għandha toħroġ l-approvazzjoni tad-disinn għall-ajruplan li għandha tkun iċ-ċertifikat tat-tip (ristrett) qabel ma jkun ġie revokat jew ċedut flimkien mad-Direttivi dwar l-ajrunavigabilità applikabbli dak iż-żmien, sakemm l-Aġenzija ma tistabbilixxix li tali approvazzjoni tad-disinn ma tiżgurax sigurtà adegwata. Id-dispożizzjonijiet tal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip oriġinali huma meqjusin bħala li huma l-ispeċifikazzjonijiet speċifiċi tal-ajrunavigabilità skont liema huwa approvat id-disinn.
- (d) Skont 21A.172, għandha ssir applikazzjoni għal ċertifikat ristrett tal-ajrunavigabilità lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistru b'tali mod u manjiera stabbiliti minn dik l-awtorità.”

(36) punt ġdid 21A.193 huwa mdaħħal kif ġej:

“21A.193 Ċertifikat ristrett tal-ajrunavigabilità bbażat fuq speċifikazzjonijiet speċifiċi tal-ajrunavigabilità – Ħruġ ta' ċertifikat ristrett tal-ajrunavigabilità li jirriżulta minn revoka taċ-ċertifikat tat-tip

Permezz ta' deroga minn 21A.174, 21A.183, 21A.185, 21A.187, 21A.189 u 21A.192:

- (a) Għal ajruplani identifikati fi 21A.14(b) li għalihom ikun revokat ċertifikat ta' tip ristrett minħabba n-nuqqas ta' detentur ta' ċertifikat tat-tip, approvazzjoni tad-disinn tal-ajruplan għandha titqies li tkun inħarġet lis-sid tal-ajruplan. L-approvazzjoni tad-disinn għandha tkun tikkonsisti miċ-ċertifikat tat-tip (ristrett) qabel tiġi revokata flimkien mad-direttivi dwar l-ajrunavigabilità applikabbli dak iż-żmien, sakemm l-Aġenzija ma tistabbilixxix li tali approvazzjoni tad-disinn ma jiżgurax is-sigurtà b'mod adegwat. Id-dispożizzjonijiet tal-bażi ta-ċertifikazzjoni tat-tip oriġinali huma meqjusin bħala li huma speċifikazzjonijiet speċifiċi tal-ajrunavigabilità skont liema d-disinn huwa meqjus bħala approvat.
- (b) Skont 21A.172, għandha ssir applikazzjoni għal ċertifikat ristrett tal-ajrunavigabilità lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistru b'tali mod u manjiera stabbiliti minn dik l-awtorità."

(37) punt ġdid 21A.195 huwa mdaħħal kif ġej:

"21A.195 Ċertifikat ristrett tal-ajrunavigabilità bbażat fuq l-ispeċifikazzjonijiet speċifiċi tal-ajrunavigabilità – Approvazzjoni tad-disinn tal-kontenut u validità tal-ajruplan

- (a) L-approvazzjoni tad-disinn tal-ajruplan hija meqjusa li tinkludi:
 - 1. id-dejta dwar id-disinn;
 - 2. il-limitazzjonijiet tat-tħaddim;
 - 3. folja tad-dejta ta' approvazzjoni għall-ajrunavigabilità, ħoss u emissjonijiet. Meta l-magna ma jkollha ebda ċertifikat tat-tip, il-folja tad-dejta tinkludi wkoll ir-rekord ta' konformità tal-emissjonijiet. Il-folja tad-dejta għandha telenka kwalunkwe nuqqas ta' konformità mal-Anness 8 għall-Konvenzjoni ta' Chicago;
 - 4. kif applikabbli, l-ispeċifikazzjonijiet speċifiċi dwar l-ajrunavigabilità u r-rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali li magħhom, l-Aġenzija, tirreġistra l-konformità;
 - 5. kwalunkwe kundizzjoni jew limitazzjoni oħra preskritta għall-ajruplan u, kif applikabbli, il-magna u l-iskrun, fl-ispeċifikazzjonijiet speċifiċi dwar l-ajrunavigabilità u r-rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali; u
 - 6. kwalunkwe limitazzjoni addizzjonali għall-użu assoċjata maċ-ċertifikat ristrett tal-ajrunavigabilità.
- (b) Approvazzjoni tad-disinn tal-ajruplan għandha tinħareġ għal tul ta' żmien bla limitu. Għandha tibqa' valida soġġett li ma tiġix ċeduta lil ħaddieħor jew tiġi revokata skont il-proċeduri amministrattivi applikabbli stabbiliti mill-Aġenzija.
- (c) Malli tiġi ċeduta jew revokata, l-attestazzjoni tal-approvazzjoni tad-disinn tal-ajruplan għandha tintradd lura lill-Aġenzija."

(38) punt ġdid 21A.196 huwa mdaħħal kif ġej:

“21A.196 Ċertifikat ristrett tal-ajrunavigabilità fuq il-bażi ta’ speċifikazzjonijiet speċifiċi tal-ajrunavigabilità – Approvazzjoni tal-bidliet għad-disinn tal-ajruplan

- (a) Bidliet għad-disinn ta’ ajruplan li jkun inħariġlu ċertifikat ristrett tal-ajrunavigabilità fuq il-bażi ta’ speċifikazzjonijiet speċifiċi tal-ajrunavigabilità għandhom jiġu kklassifikati bħala minuri u maġġuri skont 21A.91.
- (b) Tibdiliet maġġuri għandhom jiġu approvati mill-Aġenzija skont 21A.189.
- (c) Tibdiliet minuri għandhom jiġu approvati mill-Aġenzija jew minn organizzazzjoni tad-disinn approvata bix-xieraq skont 21A.189.”

(39) punt ġdid 21A.197 huwa mdaħħal kif ġej:

“21A.197 Ċertifikat ristrett tal-ajrunavigabilità fuq il-bażi tal-ispeċifikazzjonijiet speċifiċi tal-ajrunavigabilità – Approvazzjoni tad-disinn tat-tiswija

- (a) Disinni tat-tiswijiet għal ajruplan li jkun inħariġlu ċertifikat ristrett tal-ajrunavigabilità fuq il-bażi tal-ispeċifikazzjonijiet speċifiċi tal-ajrunavigabilità għandhom jiġu kklassifikati bħala minuri u maġġuri skont 21A.435(a).
- (b) Disinni ta’ tiswijiet maġġuri għandhom jiġu approvati mill-Aġenzija skont 21A.189.
- (c) Disinni ta’ tiswija minuri għandhom jiġu approvati mill-Aġenzija jew minn organizzazzjoni tad-disinn approvata bix-xieraq skont 21A.189.”

(40) punt (a)1. ta’ punt 21A.211 huwa mibdul b’li ġej:

- 1. konformità mar-rekwiżiti tad-disinn approvat applikabbli, protezzjoni ambjentali u ajrunavigabilità kontinwata; u

(41) punt 21B.327 huwa mibdul b’li ġej:

“21B.327 Ċertifikat ristrett tal-ajrunavigabilità

- (a) L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta’ reġistrazzjoni għall-ħruġ ta’ ċertifikat ristrett tal-ajrunavigabilità għal:
 - 1. ajruplan ġdid, fuq preżentazzjoni tad-dokumentazzjoni meħtieġa minn 21A.174(b)(2) li turi li l-ajruplan jikkonforma ma’ disinn approvat mill-Aġenzija skont ċertifikat tat-tip ristrett, skont ċertifikat tat-tip issupplimentat b’ċertifikat tat-tip supplimentali ristrett jew skont speċifikazzjonijiet speċifiċi tal-ajrunavigabilità, u jkun f’kundizzjoni għal tħaddim bla periklu.
 - 2. ajruplan użat:
 - (i) mal-preżentazzjoni tad-dokumentazzjoni meħtieġa minn 21A.174(b)(3) li turi li:
 - (A) l-ajruplan jikkonforma ma’ disinn approvat mill-Aġenzija skont ċertifikat tat-tip ristrett, skont ċertifikat tat-tip issupplimentat minn ċertifikat tat-tip supplimentali ristrett

- jew skont l-ispeċifikazzjonijiet speċifiċi tal-ajrunavigabilità; u
- (B) kien hemm konformità mad-direttivi applikabbli tal-ajrunavigabilità; u
- (C) l-ajruplan ġie spezzjonat skont id-dispożizzjonijiet xierqa ta' Parti M; u
- (ii) meta l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' reġistrazzjoni tkun issodisfata li l-ajruplan jikkonforma mad-disinn approvat u jkun f'kundizzjoni li jitħaddem bla periklu. Dan jista' jinkludi spezzjonijiet mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' reġistrazzjoni.
- (b) L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' reġistrazzjoni għandha toħroġ ċertifikat ristrett tal-ajrunavigabilità għal ajruplan użat li għalih, iċ-ċertifikat tal-ajrunavigabilità ikun sar invalidu minħabba inkarnazzjoni ta' ċertifikat tat-tip supplimentali ristrett,
- mal-preżentazzjoni tad-dokumentazzjoni meħtieġa minn 21A.174(c) li turi li:
 - l-ajruplan jikkonforma ma' disinn approvat mill-Aġenzija skont ċertifikat tat-tip issupplimentat minn ċertifikat tat-tip supplimentali ristrett; u
 - kien hemm konformità mad-direttivi applikabbli tal-ajrunavigabilità; u
 - l-ajruplan ġie spezzjonat skont id-dispożizzjonijiet xierqa ta' Parti M; u
 - meta l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' reġistrazzjoni tkun issodisfata li l-ajruplan jikkonforma mad-disinn approvat u jkun f'kundizzjoni li jitħaddem bla periklu. Dan jista' jinkludi spezzjonijiet mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' reġistrazzjoni.
- (c) Iċ-ċertifikat ristrett tal-ajrunavigabilità għandu jispeċifika l-limitazzjonijiet għall-użu definiti skont 21A.41, 21A.113B(e) jew 21A.195(a)(6).
- (42) punt ġdid 21B.328 huwa mdaħħal kif ġej:

21B.328 Ċertifikat ristrett tal-ajrunavigabilità bbażat fuq speċifikazzjonijiet speċifiċi tal-ajrunavigabilità – Ħruġ ta' approvazzjoni tad-disinn u ta' ċertifikat ristrett tal-ajrunavigabilità fil-każ ta' revoka jew għoti lil ħaddieħor taċ-ċertifikat tat-tip

Skont 21A.192 jew 21A.193 u b'deroga minn 21B.327, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' reġistrazzjoni għandha toħroġ ċertifikat ristrett tal-ajrunavigabilità fuq preżentazzjoni taċ-ċertifikat tal-ajrunavigabilità li kien validu qabel, sakemm ma tkunx stabbiliet li l-ajruplan ma jikkonformax mal-approvazzjoni tad-disinn kif stabbilit skont 21A.192(c) jew 21A.193(a) jew mhuiwix f'kundizzjoni li jaħdem mingħajr periklu.